UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-PRESIDENZA TAL-UE 2017 U FONDI EWROPEJ

**SEJĦA 413.6 Appoġġ għall-entitajiet Artistiċi u Kulturali (it-tieni sejħa)**

Il-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral tħabbar li ħa toħroġ it-tieni sejħa għall-proposti għall-Azzjoni 413.6 taħt l-Assi 4 LEADER.

L-għan ta' din l-azzjoni huwa li toffri appoġġ għall- infiq kapitali lill-Entitajiet Kulturali u Artistiċi. Din l-Azzjoni tifforma parti mill-Istrateġija għall-Iżvilupp Lokali ta' MAGF.

Entitajiet legali privati (ìntrapriżi Mikro u Żgħar skond ir-Rakomandazzjoni 2003/361/KE tal-Kummissjoni) u NGOs li joperaw fit-territorju tal-MAGF, li jippreżentaw proġetti fit-territorju tal-MAGF u li l-għan tagħhom huwa li jippromwovu l-arti u l-kultura għall-kommunitajiet tat-Territorju ta' MAGF jistgħu jipproponu proġetti taħt din is-sejħa. Il-Proġetti proposti li jiġu magħżula ser jingħataw sa 80% ko-finanzjament.

Din is-sejħa ser tkun miftuħa mit-08 ta' Awwissu, 2014 sat- 22 ta' Settembru 2014, f'nofsinhar. L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fl-uffiċċju ta' MAGF: 12, Triq it-Tullier, Attard, ATD1631 sat- 22ta' Settembru 2014, f'nofsinhar. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn: Telefon: 2099 2080 – email: info@leadermajjistral.eu – Indirizz: 12, Triq it-Tullier, Attard. ATD1631. Applikazzjonijiet u linja ta' gwida jistgħu jitniżżlu wkoll minn www.leadermajjistral.eu


**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007–2013**
LEADER
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
Rata ta' Ko-finanzjament:
80% Unjoni Ewropea, 20% Gvern ta' Malta

*L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali*